**A.L. 70 ta' l-1996**

**ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)**

**Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku**

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku, u għandhom jibdew isehhu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti. Titolu u bidu fis-seħħ.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra — Tifsir.

"Direttur" tfisser il-Kap tad-Dipartiment tal-Kuntratti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"Segretarju" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-finanzi;

"varjazzjonijiet 'l hinn mil-limitu tal-kondizzjonijiet tal-offerti" tfisser varjazzjoni li ma tkunx waħda msemmija fis-sejħa għal offerti relattiva.

**3.** Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-akkwist li jsir minn dipartimenti u taqsimiet tal-Gvern: Kif japplikaw.

Iżda korporazzjonijiet pubbliċi jew korpi oħra (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa organizzazzjonijiet pubbliċi) jistgħu, skond il-liġi kostitwenti tagħhom jew bis-saħħa tagħha, jiġu ordnati li jkollhom l-akkwisti tagħhom regolati b'dawn ir-regolamenti, jew li

ċertu flejjes jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom mill-Gvern bil-kondizzjoni li tagħmir, ħażniet, xogħlijiet jew servizzi li għandhom jiġu akkwistati bihom għandhom jiġu hekk akkwistati skond dawn ir-regolamenti.

Għan.

4. (1) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-limitu tas-setgħa li għandu d-Direttur, kapijiet ta' dipartiment u uffiċjali oħra li jagħmlu kuntratti f'isem il-Gvern, u jekk kuntratt isir kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, dan għandu jiġi rexxiss fuq talba tal-Gvern.

(2) Dawn ir-regolamenti ma jgħaddu ebda dritt lil xi offerent, fornitur jew kuntrattur iktar minn dawk id-drittijiet li joħorġu mid-dritt ċivili.

(3) Il-Ministru jista' jiddelega bil-miktub, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet u limitazzjonijiet li jista' jqis li jkunu xierqa, lis-Segretarju, lid-Direttur jew lil kull uffiċjal pubbliku (jew, biss fil-każ ta' korporazzjoni pubblika jew korp imsemmija fil-proviso li hemm mar-regolament 3, uffiċjal ta' dik il-korporazzjoni pubblika jew ta' dak il-korp) xi waħda mis-setgħat lilu riservati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Il-Ministru jista' jiddispensa bil-miktub minn xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u jista' jordna li kwalunkwe proċedura hemm stabbilita ma għandhiex isseħħ, huwa jista' iktar minn hekk jikkonvalida bil-miktub kull ħaġa li tkun saret mhux skond dawn ir-regolamenti jew xi proċedura hemm preskritta, jew inkella jordna bil-miktub li akkwist għandu jseħħ b'mod differenti minn dak stabbilit f'dawn ir-regolamenti.

Direttur tal-Kuntratti.

5. (1) Ikun hemm Direttur tal-Kuntratti li jkun responsabbli għat-tmexxija tad-Dipartiment tal-Kuntratti u ġeneralment għall-amministrazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist kif stipulati f'dawn ir-regolamenti.

(2) Id-Direttur tal-Kuntratti jkollu l-funzjoni li —

(a) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt dwar ħwejjeġ elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u li jippubblikom skond ma hemm fl-istess skeda;

(b) jawtorizza differenzi minn speċifikazzjonijiet u kondizzjonijiet standard (sew jekk dawn ikunu tekniċi jew xort'oħra) li jkunu se jiddaħħlu fid-dokumenti ta' l-offerti;

(ċ) jiżgura li l-kondizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerti ma jkunux jagħtu vantaġġ jew żvantaġġ mhux mistħoqq lil xi fornitur partikolari;

(d) jifli u japprova (b'xi tibdil jew mingħajr ebda tibdil) dokumenti ta' l-offerti, qabel ma dawn jinħarġu u jiġu pubblikati;

(e) jiżgura li kull sejħa għal offerti tiġi reklamata adegwatament u li jitħalla jgħaddi żmien biżżejjed sakemm jiddaħħlu l-offerti;

(f) jippubblika fil-Gazzetta avviż dwar kull aċċettazzjoni ta' offerti, inklużi l-varjazzjonijiet 'l hinn mil-limitu tal-kundizzjonijiet tal-offerti, fi żmien erba' xhur mill-aċċettazzjoni tagħhom;

(ġ) jifformula, bi ftehim mal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali u skond ir-regoli stipulati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, f'dawk l-oqsma li huwa jista' jistabbilixxi, listi magħżulin ta' kuntratturi kwalifikati li jistgħu jingħatawlhom kuntratti f'dawk l-oqsma;

(ħ) jistabbilixxi u jirregola l-proċedura li għandha tiġi adottata matul il-laqgħat tal-Kumitati tal-Kuntratti u tal-bordijiet dipartimentali, u fil-ħruġ u l-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal offerti, dħul ta' offerti, ftuħ ta' offerti, l-eżami ta' l-offerti u l-għoti ta' kuntratti;

(i) jissorvelja l-ħtiġiet ta' akkwisti li jkun irid jagħmel il-Gvern, u, wara li jinħarġu s-sejħiet għal offerti dovuti, jagħmel kuntratti perjodiċi kif ikun meħtieġ;

(j) jikkonsidra u japprova l-ħatra ta' kuntratturi għal provvisti, xogħlijiet jew servizzi għal perijodi speċifiċi bi prezzijiet, rati u kundizzjonijiet approvati;

(k) jiddeċiedi dwar ilmenti fuq il-ħruġ ta' offerti u l-għoti ta' kuntratti li jsiru minn persuni li jkollhom interess skond ma hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u jiddeċiedi dwar il-proċeduri għal dawk l-ilmenti li ma jkunx mod ieħor provdut dwarhom f'dik l-iskeda;

(l) jikseb tagħrif minn dipartimenti tal-Gvern jew minn organizzazzjonijet oħra li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti dwar l-għoti ta' kuntratti dipartimentali, ordnijiet ta' varjazzjoni, penali (imposti jew maħfura) u b'mod ġenerali hekk kif jista' jqis li jkun meħtieġ sabiex huwa jkun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti;

(m) japprova, fejn ikun il-każ, kif provdut fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, varjazzjonijiet 'l hinn mill-limiti tal-kundizzjonijiet tal-offerti;

(n) jissorvelja l-eżekuzzjoni xierqa ta' kuntratti minnu mogħtija, u, bil-parir tal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali, jimponi jew jaħfer, kif jidhirlu, penali dovuti fuq dawk il-kuntratti; u

(o) jibda kull proċediment li jista' jkun meħtieġ għar-rigward ta' kuntratt mogħti minnu.

Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali.

**6.** (1) Ikun hemm Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali li jkollu l-membri tiegħu li jinħatru mill-Prim Ministru b'dawk il-patti u kundizzjonijiet kif jistgħu jiġu speċifikati fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

(2) Il-membri tal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali jinħatru għal żmien stabbilit ta' mhux iktar minn tliet snin, u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura.

(3) Membru tal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali jista', matul iż-żmien li jkun qed jokkupa l-kariga, jitneħħa mill-Prim Ministru jekk huwa jkun sodisfatt li kien hemm każ ċar ta' mġieba ħażina minn dak il-membru jew li dak il-membru kien inkapaċi jwettaq il-funzjonijiet tiegħu jew meta jkunu jeżistu ċirkostanzi bħal dawk li kieku kienu jiskwalifikaw lil dak il-membru milli jibqa' membru tal-Kumitat tal-Kuntratti.

Kumitati tal-Kuntratti Speċjali.

**7.** (1) Meta l-Prim Ministru jistabbilixxi li l-eżami ta' offerti għall-għoti ta' xi kuntratt partikolari jkun jeħtieġ xi maestrija, sengħa jew attributi speċjali, huwa jista' jaħtar Kumitat tal-Kuntratti Speċjali sabiex ikun jista' jingħata dak il-kuntratt.

(2) Il-membri ta' Kumitat tal-Kuntratti Speċjali għandhom jinħatru għaż-żmien li matulu jdum għaddej il-proċess ta' eżami ta' dik is-sejħa għal offerti partikolari sakemm tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni ta' l-offerta jew id-Direttur jiddikjara li l-għoti tal-kuntratt ma jkunx ser jitkompla jsir.

(3) Bla ħsara ta' dak imsemmi hawn aktar qabel, id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6 għandhom ikunu japplikaw għall-membri ta' Kumitat tal-Kuntratti Speċjali l-istess bħalma dawn japplikaw għall-membri tal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali.

Dispożizzjonijiet dwar membri tal-Kumitati tal-Kuntratti.

**8.** (1) Id-dispożizzjonijiet tal-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għar-rigward tal-membri tal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali u tal-Kumitati tal-Kuntratti Speċjali.

(2) Il-laqgħat tal-Kumitati għandhom jissejħu miċ-*Chairman* li jippresjedi dawk il-laqgħat. Tliet membri tal-Kumitat tal-Kuntratti jagħmlu *quorum* f'laqgħa ta' dak il-Kumitat.

(3) Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u votanti. Iċ-*Chairman* ikollu vot inizjali u, fil-każ ta' voti ndaqs, *casting vote.*

(4) Meta jkunu qegħdin jinfetħu l-offerti, il-laqgħat tal-Kumitati tal-Kuntratti jkunu miftuħa għall-pubbliku. Il-lista ta' offerti riċevuti, flimkien mal-prezzijiet offruti rispettivi, għandhom jitħabbru pubblikament mid-Direttur.

**9.** Il-Kumitati tal-Kuntratti jkollhom il-funzjoni li jgħinu lid-Direttur fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu skond dawn ir-regolamenti. Fit-twettieq tal-funzjonijiet tagħhom, il-Kumitati tal-Kuntratti għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti b'mod ġenerali u b'mod partikolari bid-dispożizzjonijiet tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Funzjonijiet tal-Kumitat tal-Kuntratti.

**10.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, l-akkwist ta' kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet u servizzi mill-Gvern jew minn kull korp ieħor li dawn ir-regolamenti japplikaw għalih, għandu jsir permezz ta' kuntratt wara li ssir sejħa għal offerti skond dawn ir-regolamenti. Kuntratti pubbliċi.

**11.** Ħlief meta l-Ministru jordna xort' oħra, il-proċedura għall-akkwist ta' kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi tkun hekk kif ġej: Proċedura għall-akkwist.

(a) (i) kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi li jiswew mhux iżjed minn Lm500 jistgħu jiġu akkwistati mid-dipartiment nnifsu jew wara li jkunu nkisbu l-kwotazzjonijiet jew direttament mis-suq liberu fid-diskrezzjoni tal-Kap tad-Dipartiment wara li jqis xi jkun l-ammont involut, l-urġenza li biha jkun irid isir l-akkwist u r-restrizzjonijiet ta' l-għażla u disponibbiltà;

(ii) kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi li jiswew iżjed minn Lm500 iżda mhux iżjed minn Lm1,000 jistgħu jiġu akkwistati mid-dipartiment nnifsu wara li jkunu nkisbu l-kwotazzjonijiet;

(iii) kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi li jiswew fuq Lm1,000 iżda mhux iżjed minn Lm2,500 jistgħu jiġu akkwistati mid-dipartiment nnifsu wara li ssir sejħa għal offerti, jew wara li jkunu nkisbu l-kwotazzjonijiet, jew mis-suq liberu wara li jitqies xi jkun l-ammont involut, l-urġenza li biha jkun irid isir l-akkwist u r-restrizzjonijiet ta' l-għażla u disponibbiltà, hekk kif jista' jiġi approvat mill-Ministru responsabbli għal dak id-dipartiment, jew mis-Segretarju

Parlamentari, mis-Segretarju Permanenti jew mill-Kap tad-Dipartiment hekk kif jista' jiġi delegat minn dak il-Ministru;

(iv) ix-xiri ta' l-istess materjal jew ta' materjal li jkun jixxibah ħafna miegħu fi kwantitajiet differenti skond ma hemm fis-sub-paragrafi (i), (ii) jew (iii) ta' dan il-paragrafu matul perijodu ta' sitt xhur m'għandux ikun jeċċedi valur totali ta' Lm10,000;

(b) kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi li jiswew iżjed minn Lm2,500 iżda mhux iżjed minn Lm20,000 għandu jiġi akkwistat wara sejħa għal offerti li ssir mid-dipartiment innifsu. Dawk l-offerti għandhom jinfetħu minn tliet uffiċjali anzjani tad-dipartiment:

Iżda l-Ministru jista' jippermetti, b'ordni bil-miktub, li jkun hemm limiti ogħla minn Lm20,000 fil-każ ta' xi dipartimenti partikolari u jista' jawtorizza, kif u meta huwa jqis li jkun hekk xieraq, it-twaqqif ta' Kumitati għall-Akkwisti skond kif hemm provdut fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

Iżda wkoll il-Ministru jista' jippermetti li jkun hemm varjazzjoni, penali u maħfra, għar-rigward ta' dawk il-kuntratti, li jiġu approvati mill-Ministru li taħtu tkun taqa' r-responsabbiltà għal dak id-dipartiment, li jista' jiddelega l-awtorità tiegħu lis-Segretarju Parlamentari, lis-Segretarju Permanenti, jew lill-kap tad-dipartiment;

Iżda wkoll il-kap tad-dipartiment għandu jippubblika fil-Gazzetta tal-Gvern kull għotja ta' dawk il-kuntratti, inklużi varjazzjonijiet 'l hinn mil-limitu tal-kondizzjonijiet tal-offerti, fi żmien erba' xhur wara li jkunu ngħataw;

(ċ) kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi li jiswew iżjed mil-limiti stipulati jew stabbiliti taħt il-paragrafu (b) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu akkwistati wara sejħa pubblika għal offerti li tinħareġ mid-Direttur.

Oġġetti li jkunu komuni għal diversi dipartimenti.

**12.** (1) Kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi li d-Direttur jista' minn żmien għal żmien isemmi bħala li huma komuni għal diversi dipartimenti, jistgħu jiġu akkwistati mid-Direttur permezz ta' Kuntratti Perjodiċi minnu mogħtija wara li tkun saret sejħa pubblika għal offerti.

(2) Id-Direttur għandu kull tant żmien javża lill-Kapijiet tad-Dipartiment bil-prezzijiet u kundizzjonijiet li jkunu japplikaw, u l-proċedura li jkollha tiġi segwita, fl-akkwist ta' kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi bħal dawk.

(3) Il-Kapijiet tad-Dipartiment għandhom jiksbu kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi bħal dawk direttament mingħand il-Kuntrattur skond dawk il-kundizzjonijiet u proċeduri avżati mid-Direttur skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament.

**13.** Meta skond sejħa għal offerti xi offerta tkun tikkonsisti f'pakketti separati, għandhom jiġu segwiti l-proċeduri stipulati fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Pakketti separati f'offerta.

**14.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, u għal kull ordni jew direttiva mogħtija mill-Ministru — Setgħat tad-Direttur. Kap. 249.

(a) id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaċċetta jew jirrifjuta r-rakkomandazzjonijiet tal-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat tal-Kuntratti dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut ta' offerta;

(b) meta —

(i) id-Direttur ma jaqbilx ma' rakkomandazzjoni tal-maġġoranza tal-membri ta' Kumitat tal-Kuntratti; jew

(ii) rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kuntratti tkun differenti minn dik li tintgħamel mid-dipartiment jew minn korp ieħor li għalih għandu jsir l-akkwist,

id-Direttur jista' jirreferi l-kwistjoni sabiex jiddeċidiha l-Ministru:

Iżda d-Direttur għandu dejjem jirreferi kwistjoni li huwa ma jaqbilx dwarha mal-maġġoranza tal-membri ta' Kumitat tal-Kuntratti Speċjali sabiex jiddeċidiha l-Ministru;

(ċ) id-Direttur jista' jirreferi, skond ma jaħsibha hu, kull kwistjoni sabiex jiddeċidiha l-Ministru.

(2) Kull kwistjoni li tiġi hekk riferita sabiex jiddeċidiha l-Ministru għandha tiġi hekk riferita bil-miktub u d-deċiżjoni tal-Ministru għandha bl-istess mod titwassal bil-miktub.

**15.** (1) Id-Direttur għandu mhux iżjed tard minn tliet xhur wara tmiem kull sena finanzjarja, jagħmel rapport u jgħaddih lill-Ministru, liema rapport ikun ġeneralment jittratta dwar l-attivitajiet tal-Kumitati matul dik is-sena finanzjarja li dwarha jkun qed isir ir-rapport, u li jkun jinkludi rapport sommarju dwar kull irregolarità li jkunu jafu biha jew li tiġi skoperta u kull rakkomandazzjoni li ssir dwarha, kif ukoll dettalji dwar kull ilment li jkun tressaq u r-riżultati ta' kull investigazzjoni li tkun saret dwaru. Rapport Annwali.

(2) Il-Ministru għandu jara li titqiegħed kemm jista' jkun malajr fuq il-Mejda tal-Kamra td-Deputati kopja ta' kull rapport li jsir.

**16.** Ir-regolamenti 104 sa 108 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Finanzi Ġenerali, qegħdin b'dawn jiġu mħassra. Tħassir. A.L. 40 ta' l-1966.

## L-EWWEL SKEDA

(Regolament 5(2)(a))

### Kundizzjonijiet Ġenerali tal-Kuntratti

1. Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti għandhom ikunu jitrattaw dwar:

i. Speċifikazzjonijiet tal-kuntrattur għal kategoriji differenti ta' kuntratti;

ii. Ix-xorta u l-għamla ta' garanziji meħtieġa mill-Gvern;

iii. Kif se jiġu trattati taxxi lokali;

iv. Kif se jiġu trattati flus barranin;

v. Ir-rata li għandha tintuża fil-kalkolu ta' *discounted cash flow calculations;*

vi. Proċedura dwar kif isir il-ħlas;

vii. *Retention amounts* li għandhom jinżammu u l-mod kif dawn għandhom jitħallsu;

viii. Arranġamenti dwar kif jista' jsir arbitraġġ;

ix. Ix-xorta ta' penali li għandhom jiġu imposti talli ma jitħarisx kuntratt u l-proċedura kif dawn għandhom jiġu imposti;

x. Is-sorveljar sew tat-twettiq, progress u eżekuzzjoni ta' kuntratti;

xi. Proċeduri ta' subappaltar;

xii. Proċedura dwar ordnijiet ta' varjazzjoni; u

xiii. Proċeduri dwar kif tiġi assigurata l-kwalità.

2. Dawn il-kundizzjonijiet *standard* u kull emenda li ssir fihom għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern qabel ma jibdew iseħħu.

3. Għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta matul l-ewwel xahar ta' kull sena verżjoni sħiħa aġġornata ta' dawk il-kundizzjonijiet *standard*.

## IT-TIENI SKEDA

(Regolament 5(2)(g))

### Kategoriji ta' Kuntratturi

1. Il-proċedura biex isiru kategoriji ta' kuntratturi għandha tiġi regolata kif ġej:

a. Id-Diretur jippubblika l-kriterji li bihom għandu jinqasam f'kategoriji kull qasam;

b. Id-Diretur jista', wara li ssirlu applikazzjoni, jinkludi jew iqiegħed f'kategorija ogħla fornituri u kuntratturi wara li jiżgura ruħu li huma jkunu konformi mal-kriterji pubblikati;

ċ. Id-Direttur jista' jneħħi jew iqiegħed f'kategorija iktar baxxa fornitur u kuntrattur jew wara li ssirlu applikazzjoni, jew wara li d-Direttur isir jaf b'fatti li jkunu jindikaw li għandha tittieħed dik l-azzjoni, jew bħala penali għal ksur tal-kundizzjonijiet ta' xi kuntratt li jkun qabel ingħata lill-fornitur jew lill-kuntrattur:

Iżda fil-każ ta' tneħħija jew tqegħid f'kategorija iktar baxxa, b'mod li ma jsegwix applikazzjoni li tkun saret, il-fornitur u l-kuntrattur involuti għandhom jiġu mgħarrfa bl-azzjoni li tkun maħsuba li tittieħed u għandhom jingħataw ġimgħatejn li matulhom ikunu jistgħu jissottomettu r-raġunijiet tagħhom kontra dak l-għemil. Id-deċiżjoni tad-Direttur tkun waħda finali.

2. Il-kategoriji ta' kuntratturi u fornituri u kull emenda li ssir fihom għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern qabel ma jibdew iseħħu.

3. Għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta matul l-ewwel xahar ta' kull sena verżjoni sħiħa aġġornata tal-kategoriji ta' kuntratturi u fornituri.

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 5(2)(k))

Proċedura dwar l-ilmenti

Il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-għemil u deċiżjoni ta' l-ilmenti, u l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu isiru dawk l-ilmenti jkunu dawn li ġejjin:

1. Id-deċiżjoni tad-Direttur f'kull stadju tal-proċess ta' eżami għandha tkun pubblikata fid-dipartiment tiegħu, qabel ma jingħata l-kuntratt jew qabel ma wieħed jgħaddi għall-istadju li jmiss skond il-każ.

2. Kull offerent li jħoss ruħu aggravat b'xi deċiżjoni jista', fi żmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni, jippreżenta avviż ta' oġġezzjoni. Dak l-avviż ta' oġġezzjoni jkun biss validu jekk ikun imsieħeb minn depożitu ta' 1% tal-valur estimattiv ta' l-offerta. Id-depożitu jingħata biss lura jekk dik l-oġġezzjoni tiġi deċiża favorevolment:

Iżda f'ebda każ ma għandu d-depożitu jkun inqas minn Lm100 jew iżjed minn Lm25,000.

3. Id-Direttur għandu jagħmel pubbliku l-avviż ta' oġġezzjoni fid-dipartiment tiegħu l-għada li jkun ġie preżentat dak l-avviż.

4. Fi żmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni ta' avviż ta' oġġezzjoni, kull offerent ieħor li kien imdaħħal f'dik is-sejħa għal offerti jista' jirreġistra l-interess tiegħu f'dawk il-proċedimenti. Ir-reġistrazzjoni ta' dak l-interess tkun biss valida jekk din tkun imsieħba b'depożitu li jkun daqs id-depożitu mħallas skond il-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda. Dan id-depożitu jingħata biss lura jekk l-offerta fl-aħħar tingħata lil dak l-offerent li jkun ippreżenta reġistrazzjoni ta' interess. Dak l-offerent li kien indikat fid-deċiżjoni mogħtija wara l-eżami tad-Direttur bħala l-offerent li lilu kellha tingħata l-offerta, għandu jitqies li jkun irreġistra interess iżda ma jkun hemm bżonn ta' ebda depożitu minnu.

5. L-ismijiet ta' dawk l-offerenti li jirreġistraw interess għandhom jintgħamlu pubbliċi mid-Direttur fid-dipartiment tiegħu fl-ewwel jum li jiġi wara l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 4 ta' din l-Iskeda.

6. (a) Fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara li tiġi pubblikata l-lista ta' offerenti li jkunu irreġistraw interess, l-offerent li jkun ippreżenta l-avviż ta' oġġezzjoni għandu jibgħat lid-Direttur ittra ta' oġġezzjoni spjegattiva li fiha jfisser xi jkunu sewwasew il-kapi ta' l-oġġezzjoni tiegħu.

(b) L-ittra ta' oġġezzjoni u kull dokument ieħor mehmuż magħha għandhom jingħataw f'għadd ta' kopji li jkun daqsinsew l-għadd ta' offerenti li jkollhom interess reġistrat b'żieda ta' tliet kopji oħra.

(ċ) L-ittra ta' oġġezzjoni tintgħamel pubblika fid-Dipartiment tal-Kuntratti u tiġi ċirkolata ma' l-offerenti kollha li jkollhom interess reġistrat.

7. (a) Fi żmien ħamest ijiem minn meta tiġi pubblikata l-ittra ta' oġġezzjoni, offerent li jkun irreġistra interess jista' jibgħat risposta spjegattiva għal dik l-ittra ta' oġġezzjoni.

(b) Ir-risposta u kull dokument ieħor mehmuż magħha għandhom jiġu preżentati f'għadd ta' kopji li jkun daqsinsew l-għadd ta' offerenti li jkollhom interess reġistrat b'żieda ta' tliet kopji oħra.

(ċ) Ir-risposta tintgħamel pubblika fid-Dipartiment tal-Kuntratti u tiġi ċirkolata ma' l-offerenti kollha li jkollhom interess reġistrat u ma' l-offerenti kollha li jkunu ppreżentaw oġġezzjoni.

8. Fi żmien ħamest ijiem mill-pubblikazzjoni tar-risposti, id-Direttur għandu jipprepara rapport li jagħmel analiżi ta' l-ittra ta' l-oġġezzjoni u tar-risposti għaliha. Dan ir-rapport għandu jiġi ċirkolat lill-offerenti li jkunu għamlu oġġezzjoni u li jkunu rreġistraw interess kif ukoll lil kull membru tal-Kumitat tal-Kuntratti li jkollu x'jaqsam ma' l-għoti ta' l-offerta partikolari.

9. Fi żmien ħamest ijiem wara t-tqassim tar-rapport tiegħu, id-Direttur għandu jlaqqa' sessjoni pubblika ta' dak il-Kumitat tal-Kuntratti li kellu x'jaqsam ma' l-għoti ta' dik l-offerta partikolari sabiex jiddiskutu r-rapport tiegħu u jaslu biex jagħmlu r-rakkomandazzjoni finali tagħhom. Id-deċiżjoni tad-Direttur tkun waħda finali:

Iżda waqt dik id-diskussjoni pubblika, il-Kumitat tal-Kuntratti jkollu s-setgħa, tramite ċ-*chairman* tiegħu, li jsejjaħ xhieda, jamministra ġuramenti u jqabbad membri li ma jkunux fil-Kumitat tiegħu sabiex dawn jassistu lill-Kumitat fl-investigazzjonijiet;

Iżda wkoll is-setgħa tad-Direttur li jaċċetta jew jirrifjuta deċiżjoni maġġoritarja tal-Kumitat tal-Kuntratti jew li jirreferi xi ħaġa lill-Ministru għad-deċiżjoni tiegħu, għandha tibqa' tgħodd.

# IR-RABA' SKEDA

(Regolament 5(2) (m) )

## Ordnijiet ta' Varjazzjoni

1. F'kull każ meta tenħtieġ approvazzjoni għal ordnijiet ta' varjazzjoni, din għandha tinkiseb mid-Direttur qabel ma ssir xi rabta bejn id-dipartiment jew organizzazzjoni pubblika u l-kuntrattur.

2. Meta tintalab dik l-approvazzjoni, id-dipartiment jew organizzazzjoni pubblika għandhom jippreżentaw dokument li fih jispeċifikaw ir-raġuni u l-kawża ta' dik il-varjazzjoni, l-effett fuq in-nefqa totali ta' l-offerta u kull effett fuq in-nefqa rikorrenti li tirriżulta.

3. Fl-għoti jew fir-rifjut ta' talba bħal dik għal varjazzjoni, id-Direttur għandu jispeċifika xi tkun l-opinjoni tiegħu dwar jekk dik il-varjazzjoni setgħetx ġiet evitata u l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-ġejjieni mid-dipartiment jew mill-organizzazzjoni pubblika sabiex tiġi evitata rikorrenza.

4. Id-Direttur għandu jżomm dokumentazzjoni sħiħa ta' talbiet għal varjazzjoni, inkluż isem il-kuntrattur involut u dettalji ta' dawk id-dokumenti speċifikati fil-paragrafi 2 u 3 ta' din l-Iskeda.

# IL-HAMES SKEDA

(Regolament 8)

## Membri tal-Kumitati tal-Kuntratti

(a) Il-Kumitati jintgħamlu mid-Direttur tal-Kuntratti, li *ex officio* jkun iċ-*Chairman* tal-Kumitati, u minn erba' sa għaxar membri li skond il-Prim Ministru jkollhom il-kwalifiki jew esperjenza meħtieġa.

(b) Il-Prim Ministru għandu jaħtar ukoll persuni minn fost il-persunal fid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jagħmluha ta' segretarji tal-Kumitati hekk kif jista' jiġi ordnat mid-Direttur. Is-segretarji m'għandhomx ikunu membri tal-Kumitati u ma jistgħux ikollhom vot fihom.

(ċ) Meta ċ-*Chairman* ikun assenti jew ma jistax iwettaq dmirijietu, jew meta l-kariga ta' *Chairman* tkun vakanti, il-Ministru jista' jaħtar lil xi uffiċjal minn fost l-aktar uffiċjali anzjani fid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex dan jagħmilha ta' *Chairman* tal-Kumitati, u jwettaq is-setgħat u l-funzjonijiet kollha taċ-*Chairman*.

(d) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar jew tibqa' membru ta' Kumitat jekk —

(i) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(ii) ikollha xi interess finanzjarju jew ieħor li x'aktarx jippreġudika t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Kumitati tal-Kuntratti.

(e) Membru tal-Kumitat jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu billi jibgħat ittra lill-Prim Ministru.

(f) Membru ta' xi Kumitat li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt li jkun qed jiġi trattat mill-Kumitat għandu jiżvela x-xorta ta' l-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat wara li huwa jkun sar jaf b'dawk il-fatti relevanti; dak li jiġi żvelat għandu jiġi reġistrat fil-minuti ta' dik il-laqgħa tal-Kumitat u dak il-membru li jkollu dak l-interess kif imsemmi għandu jirtira minn kull laqgħa li matulha jiġi diskuss dak il-kuntratt.

IS-SITT SKEDA

(Regolament 9)

Funzjonijiet tal-Kumitat tal-Kuntratti

Kumitat tal-Kuntratti għandu:

1. jagħti parir fuq kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' kuntratti pubbliċi, kif ukoll fuq l-akkwist pubbliku ta' kull materjal, xogħlijiet u servizzi jew b'inizjattiva tiegħu stess jew dwar kwistjonijiet speċifiċi li jkollhom x'jaqsmu mal-funzjonijiet tiegħu u li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu lilu riferiti għall-parir tiegħu;

2. jivvaluta dawk l-offerti li jiġu preżentati kif ukoll dawk ir-rapporti u rakkomandazzjonijiet dwarhom li jsiru mid-Dipartimenti u organizzazzjonijiet pubbliċi rispettivi u jagħmel rakkomandazzjonijiet definittivi dwar l-għoti ta' offerti b'mod li jiżguraw li jinkiseb l-aħjar valur għall-flus bl-inqas nefqa possibbli. F'dan ir-rigward, għandha tingħata kull konsiderazzjoni dovuta —

i. lin-nefqa finali inkluża kull nefqa ta' finanzjament li trid tinħareġ mill-Gvern jew mill-organizzazzjoni pubblika, u

ii. l-impatt ta' kull offerta fuq in-nefqa rikorrenti tal-Gvern jew tal-organizzazzjoni pubblika;

3. jirrapporta kull irregolarità li jista' jiġi mgħarraf biha jew li jista' jintebah biha fil-proċess ta' dħul ta' offerti u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar dan lill-Ministru li taħtu tkun taqa' r-responsabbiltà għal dak id-dipartiment jew organizzazzjoni pubblika;

4. jittratta dwar dawk l-affarijiet li, skond il-kuntratt, għandhom jiġu riferiti lill-Kumitat tal-Kuntratti, u jisma' u jiddeċiedi dwar tilwimiet bejn dipartimenti jew organizzazzjonijiet pubbliċi, skond il-każ, u Kuntratturi, li jitnisslu minn kuntratti pubbliċi; u

5. jinvestiga formalment ilmenti li jkollhom x'jaqsmu ma' kuntratti pubbliċi u akkwisti u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwarhom:

F'dawn il-każi, ċ-*Chairman* tal-Kumitat tal-Kuntratti jkollu s-setgħa li jsejjaħ xhieda (li jistgħu jintalbu jikkonfermaw ix-xiehda tagħhom quddiem Kummissjunarju b' setgħa li jagħti Ġurament) u li jqabbad membri li ma jkunux f'dak il-Kumitat sabiex jassistuh fl-investigazzjonijiet tiegħu.

## IS-SEBA' SKEDA

(Regolament 11(b) )

### Kumitati għall-Akkwisti

1. Il-Ministru jista' jawtorizza t-twaqqif ta' Kumitati, li jissejħu Kumitati għall-Akkwisti, għar-rigward ta' offerti dipartimentali li l-valur estimattiv tagħhom ikun ta' aktar minn Lm20,000.

2. Kull Kumitat għall-Akkwisti jintgħamel mill-Kap tad-Dipartiment jew, fin-nuqqas tiegħu, uffiċjal li jinħatar mill-Ministru minn fost l-aktar uffiċjali anzjani fid-dipartiment li jkun se jagħmel l-akkwist, u dan l-uffiċjal ikun ex officio Chairman tal-Kumitat, u minn mhux inqas minn erba' membri li jinħatru mill-Ministru, li ebda wieħed minnhom ma għandu jkun qed iwettaq dmirijietu fid-dipartiment li jkun se jagħmel l-akkwist jew ikun membru tal-persunal tiegħu.

3. Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 6, 8(2), (3) u (4) u 14 u tal-Ħames u Sitt Skedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għat-twaqqif u għall-funzjonijiet ta' kull Kumitat għall-Akkwisti, iċ-*Chairman* tiegħu u l-membri tiegħu.

IT-TMIEN SKEDA

(Regolament 13)

Pakketti separati fl-offerti

Id-Direttur tal-Kuntratti għandu, dwar kull offerta b'valur estimattiv ta' iżjed minn Lm250,000 jew, fid-diskrezzjoni tiegħu, dwar offerti ta' valur inqas,

1. jordna li waħda mill-kundizzjonijiet għall-offerti tkun li l-offerti jkunu biss jikkwalifikaw biex jiġu kunsidrati jekk dawn jinkludu f'pakketti separati:

i. Garanziji meħtieġa mill-offerta, debitament esegwiti;

Kull tagħrif u ċertifikazzjoni xierqa dwar l-offerent;

u

Patti dwar il-konsenja u l-eżekuzzjoni.

ii. Speċifikazzjonijiet tekniċi.

iii. Konsiderazzjonijiet finanzjarji inkluż il-prezz għall-iskedar ta' fattura dwar kwantità, arranġamenti kif ikun se jsir il-finanzjament u patti dwar il-ħlas.

2. Fil-proċess ta' l-eżami ta' l-offerta, il-pakketti għall-offerti kollha għandhom jinfetħu fil-pubbliku u fl-ordni fuq indikata. Meta, f'xi stadju, offerent jonqos milli jħares l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta, il-pakketti li jifdal fl-offerta tiegħu għandhom jintwarrbu mingħajr anqas biss ma jinfetħu.

3. Offerta li tiġi mwarrba għandha tingħata pubbliċità fid-Dipartiment tal-Kuntratti u l-offerent involut għandu jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta ssir dik il-pubbliċità. Il-Kumitat tal-Kuntratti li jkun għamel l-eżami ta' dik l-offertà fl-ewwel lok għandu jerġa' jeżamina s-sitwazzjoni mill-ġdid, qabel ma jinbeda l-istadju li jkun imiss ta' l-eżami.

4. Talba għal eżami mill-ġdid għandha tkun imsieħba b'depożitu ta' 0.5% tal-valur estimattiv ta' l-offerta. Dan id-depożitu jingħata biss lura jekk id-Direttur tal-Kuntratti jiddeċiedi favur l-offerent:

Iżda f'ebda każ m'għandu d-depożitu jkun inqas minn Lm250 jew iżjed minn Lm25,000.